MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 568/2006

**Bank of Valletta (C 2833)**

**Vs**

**1. Doreen Fenech (I D nru. 217775(M)**
**2. Rita Fenech (I.D. nru. 36579(M)**
**3. Graziella Fenech (I.D. nru. 247787(M)**
**4. Josianne Fenech (I.D. nru. 164385(M)**
**ilkoll bhala eredi tal-mejta Rose Mary Fenech.**

## Il-Qorti

Rat l-**atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti esponiet :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat fit-12 ta' Mejju 1999 in atti Nutar Dottor Carmel Gafa' (Dok. A), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilita' bankarja lil

konvenuti John Mary Fenech u l-mejta Rose Mary Fenech legalment separati;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-mejta Rose Mary Fenech fis-somma ta’ hamest elef, mitejn u wiehed u erbghin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm5,241.30) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Accounts”* tal-mejta Rose Mary Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ‘’B1 sa B2’’ u Dok. ‘’C1 sa C2’’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-23 ta’ Mejju 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi u cioe’ dak ta’ 12 ta’ Mejju 1999, in atti Nutar Dottor Carmel Gafa’ (u hawn esebiti bhala Dokument ‘’A’’), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Doreen Fenech, Rita Fenech, Graziella Fenech, u Josianne Fenech ilkoll eredi tal-mejta Rose Mary Fenech (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra assunti mill-mejta Rose Mary Fenech fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 18 ta’ Lulju 2005 (Dok. ‘’D’’) li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok ‘’D’’, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

(1) Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u

hawn esebit bhala Dokument ''A'') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Doreen Fenech, Rita Fenech, Graziella Fenech, u Josianne Fenech bhala eredi tal-mejta Rose Mary Fenech (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra assunti mill-mejta Rose Mary Fenech fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Doreen Fenech, Rita Fenech, Graziella Fenech, u Josianne Fenech bhala eredi tal-mejta Rose Mary Fenech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

(2) Tikkundanna lil Doreen Fenech, Rita Fenech, Graziella Fenech, u Josianne Fenech bhala eredi tal-mejta Rose Mary Fenech ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, mitejn u wiehed u erbghin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm5,241.30) bilanc ghad-debitu fil- '*'Loan Accounts"* tal-mejta Rose Mary Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok 'B1 sa B2', u 'C1 sa C2') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-23 ta' Mejju 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fit-18 ta' Lulju 2005 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni,

Rat in-nota tal-intimati prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti li permezz taghha ammettew it-talba kif dedotta fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-intimati t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata, fuq ammissjoni tal-intimati tiddecidi billi tilqa' tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------